Kunsill Lokali Ħal Balzan

# MINUTI

## Laqgħa tal-Kunsill Lokali Ħal Balzan

## ID-DISA' LEĠISLATURA

## Laqgħa Urġenti Numru 63

Data tal-laqgħa: 25 ta' April 2023

Il-Kunsilli Lokali Ħal Balzan iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tiegħu li jinsab fl-indirizz 7/9, Triq Dun Spir Sammut, Ħal Balzan, fit-8.00 ta' filgħodu.

### PREŻENTI:

Dr Angelo Micallef – Sindku (AM)
Mary Louise Briffa – Viċi Sindku (MLB)
Stephen Gatt – Kunsillier (SG)
Andrè Grech – Kunsillier (AG)

### ASSENTI b'APOLOĠIJI (Skont Ordni Permanenti 14A (3):

Dr Oliver Nicholas De Gaetano – Kunsillier (ONDG)

### ASSENTI:

Ma kien hemm ebda membru assenti.

### UFFIĊJAL PREŻENTI:

Doriette Farrugia – Segretarju Eżekuttiv (SE)

## Minuti

Il-laqgħa bdiet fit-8.20am. Is-Sindku, AM ippresjeda l-laqgħa.

## 63.1 Qari tal-ittri ta' apoloġija

63.1.1 Is-Sindku infurma li l-Kunsillier ONDG ma setgħax jattendi għal-laqgħa u għalhekk unanimament ġew skużati.

## 63.2 SPI/SCI/01/2023 – Skema għall-Attivitajiet Kulturali Annwali 2023/2024

63.2.1 Is-SE ressqet għall-attenzjoni tal-Kunsill l-applikazzjoni għal skema SPI/SCI/01/2023 li tinkludi d-dettalji tal-attività ta' Jum San Valentinu, li qed tiġi ppjanata li ssir nhar il-Ħadd, 18 ta' Frar 2023. Jekk l-applikazzjoni tiġi approvata, l-iskema ser tkun qed tkopri 85% tal-ispiża.

63.2.2 Is-Sindku irringrazzja lill-Viċi Sindku, lis-SE u lill-Maniġer Kulturali tar-Reġjun Tramuntana tal-ħidma tagħhom biex ħejjew l-applikazzjoni.

63.2.3 Il-Kunsill permezz ta' riżoluzzjoni unanimament approva li jissottometti l-applikazzjoni. Il-Kunsill approva wkoll li jiffinanzja 15% tal-ispiża.

## 63.3 Tmiem tal-laqgħa

63.3.1 Il-laqgħa ntemmet fit-8.25am.

Konfermati, it-Tlieta, 16 ta' Mejju 2023.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| Dr Angelo Micallef<br>Sindku | Doriette Farrugia<br>Segretarju Eżekuttiv |